

21 November 2022<sup>1</sup>  
EMA/PRAC/866770/2022  
Pharmacovigilance Risk Assessment Committee (PRAC)

## Formulazzjoni ġdida tal-kliem tal-informazzjoni dwar prodott – Siltiet mir-rakkomandazzjonijiet tal-PRAC dwar is-sinjali

Adottata fil-PRAC ta' bejn l-24 u s-27 ta' Ottubru 2022

Il-kliem tal-informazzjoni dwar il-prodott f'dan id-dokument huwa estratt mid-dokument bit-titlu 'Rakkomandazzjonijiet tal-PRAC dwar is-sinjali' li fih it-test sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet tal-PRAC għall-aġġornament tal-informazzjoni dwar il-prodott, kif ukoll xi gwida ġenerali dwar il-ġestjoni tas-sinjali. Jista' jinstab **hawnhekk** (bl-Ingliż biss).

It-test il-ġdid li għandu jiżdied mal-informazzjoni dwar il-prodott huwa sottolineat. It-test attwali li għandu jitħassar huwa maqtugħ.

### 1. Durvalumab – Mjelite trasversali (EPITT nru 19815)

#### Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Reazzjonijiet avversi	Severità <sup>a</sup>	Modifikazzjoni fit-trattament b'IMFINZI	Trattament b'kortikosterojdi sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor
<u>Mjelite trasversali medjata mis-sistema immunitarja</u>	<u>Kwalunkwe grad</u>	<u>Waqqaf għalkollox.</u>	<u>Ibda 1 sa 2 mg/kg/jum prednisone jew ekwivalenti seqwit bit-naqqis gradwali</u>

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Reazzjonijiet avversi oħra rajn medjati mis-sistema immunitarja

Minħabba l-mekkaniżmu ta' azzjoni ta' IMFINZI, jistgħu jseħħu reazzjonijiet avversi potenzjali oħra medjati mis-sistema immunitarja. Ir-reazzjonijiet avversi relatati mas-sistema immunitarja li ġejjin

<sup>1</sup> Expected publication date. The actual publication date can be checked on the webpage dedicated to [PRAC recommendations on safety signals](#).



ġew osservati f'pazjenti ttrattati b'monoterapija b'IMFINZI: mijastenia gravi, mjelite trasversali, miozite, polimijożite, meninġite, enċefalite, is-sindromu ta' Guillain-Barré, tromboċitopenija immunitarja, ċistite mhux infettiva u pankreatite (ara sezzjoni 4.8). [...]

#### 4.8. Effetti mhux mixtieqa

Tabella 3. Reazzjonijiet avversi għall-mediċina f'pazjenti ttrattati b'monoterapija b'IMFINZI u b'IMFINZI flimkien mal-kimoterapija

	Monoterapija b'IMFINZI		IMFINZI Flimkien mal-Kimoterapija	
	Kwalunkwe Grad (%)	Grad 3-4 (%)	Kwalunkwe Grad (%)	Grad 3-4 (%)
<b>Disturbi fis-Sistema Nervuża</b>				
[...]	[...]			
<u>Mjelite trasversali</u>	<u>bbmhux magħruf</u>			

Ġew irrapportati avvenimenti <sup>bb</sup> mid-data ta' wara t-tqeħid fis-suq

#### Fuljett ta' tagħrif

##### 2. Twissijiet u prekawzjonijiet

It-tabib tiegħek jista' jdewwem id-doża li jmiss ta' IMFINZI jew iwaqqaf it-trattament tiegħek b'IMFINZI, jekk ikollok:

...

- Infjammazzjoni jew problemi tal-muskoli: is-sintomi jistgħu jinkludu wǵiġi fil-muskoli, jew dgħufija jew għeja f'daqqa tal-muskoli;
- infjammazzjoni tas-sinsla tad-dahar (mjelite trasversali): is-sintomi jistgħu jinkludu wǵiġi, tnemnimm, tingiż, jew dgħufija fid-dirgħajn jew fir-rięglejn; problemi fil-bużżeq tal-urina jew fil-musrana inkluż il-ħtieġa li tqħaddi l-urina b'mod aktar frekwenti, inkontinenza urinarja, diffikultà biex tgħaddi l-urina u stitikezza.

## 2. Elasomeran (vaċċin b'mRNA kontra I-COVID-19 - Spikevax) – Emorraġija mestrwali qawwija (EPITT nru 19780)

#### Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

##### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

###### Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider

[Frekwenza] Mhux magħruf: Emorraġija mestrwali qawwija\*

[Taħbi tabella] \* Ħafna mill-każijiet dehru li ma kinux serji u kienu ta' natura temporanja.

## **Fuljett ta' tagħrif**

### 4. Effetti sekondarji possibbli

Mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli):

Emorraġja mestrwali qawwija (il-parti l-kbira tal-każijiet dehru li ma kinux serji u kienu ta' natura temporanja)

## **3. Tozinameran (Vaċċin b'mRNA kontra I-COVID-19 - Comirnaty) – Emorraġja mestrwali qawwija (EPITT nru 19783)**

### **Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott**

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider

[Frekwenza] Mhux magħruf: Emorraġja mestrwali qawwija\*

[Taħbi tabella] \* Ħafna mill-każijiet dehru li ma kinux serji u kienu ta' natura temporanja.

## **Fuljett ta' tagħrif**

### 4. Effetti sekondarji possibbli

Mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli):

Emorraġja mestrwali qawwija (il-parti l-kbira tal-każijiet dehru li ma kinux serji u kienu ta' natura temporanja)